## KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

**KONTINWAZZJONI TA' AGENDA NUMRU 36 – 23 ta' Settembru 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret il-kontinwazzjoni ta' Agenda 36.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Mario Borg | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Emanuel Agius | Kunsillier |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda rapprezentant tal-pubbliku prezenti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

### 6. HRUG TA' TENDERS

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fl-ahhar laqgha l-Kunsill kien iddiskuta li ssir hidma sabiex sa din il-laqgha tinstab persuna li taghti lill-Kunsill stampa tal-htigijiet tal-kunsill fil-qasam ta' relazzjonijiet pubblici, marketing u events management, jew inkella jinhadem dokument li jispjega dawn l-affarijiet. Is-Sindku spjega li dan id-dokument kienu hadmu fuqu s-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier Mario Borg, izda l-kunsillier Borg ma setax ikun prezenti minhabba zviluppi mportanti fuq il-post tax-xoghol tieghu.

6.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li jinhass il-bzonn li l-Kunsill iwassal lir-residenti b' mod ahjar il-hidma li tkun qed issir u dan isir b' mod aktar professjonali. Huwa spjega l-kontenut tad-dokument preparat.

6.3. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf jekk kienx hemm qbil dwar dan l-item ghax kien qieghed ihossha difficli jerfa r-responsabilta ta' shabu fin-nuqqas taghhom.

6.4. Il-Kunsillier Rosario Cortis spjega li dan is-suggett kien diskuss fil-Kunsill u l-kunsillier Borg sahansitra kien ha r-responsabilta li jipprepara dan id-dokument.

6.5. Il-Kunsillier George Cortis talab li dan is-suggett jigi diskuss fl-agenda li jmiss tal-Kunsill. Dak il-hin dahal il-Kunsillier Philip Said (7.10 pm) u spjega lill-kunsillier George Cortis dak li gie diskuss fil-laqgha precedenti.

6.6. Is-Sindku spjega li din il-persuna se tkun qeghdha tnehhi l-piz ta' dan it-tip ta' xoghol minn fuq l-istaff tal-Kunsill.

6.7. Saru diversi mistoqsijiet fuq il-hlas tal-persuna / kumpanija li tinghtazel ghal dan ir-rwol. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar spjega li f' dan l-istadju l-Kunsill kien qieghed biss jiddeciedi jekk ghandux johrog sejha ghall-offerti jew le.

6.8. Il-Kunsillier George Cortis ressaq suggeriment li minflok tender, il-Kunsill jaghzel zewg persuni, wiehed minn kull naha, li jwettqu dan ix-xoghol f' isem il-Kunsill. Is-segretarju rrimarka li jekk dawn il-persuni kienu se jinghataw hlas ghal dan is-servizz il-kunsill ma setghax jaqbad u jaghtihom dan l-inkarigu direttament izda riedet tinhareg sejha ghall-offerti jew sejha ghall-impjieg.

6.9. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex jinhareg tender ghal-kariga ta' marketing u events co-ordinator skond l-abbozz mressaq quddiem il-kunsill, liema tender ma jorbotx lill-Kunsill f' kaz li l-offerti ma jissodisfawx il-bzonnijiet tal-Kunsill. Is-Sindku gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (59).

## 7. TOROQ – PROJECT MANAGER (cont/...)

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fl-ahhar laqgha qamet il-mistoqsija dwar jekk din il-kariga kienitx se tkun f' kunflitt mal-kuntratt tal-perit. Is-Sindku spjega li meta wiehed jifli l-kuntratt tal-perit tinduna li z-zewg karigi jistaw jezistu flimkien ghax il-project manager jikkumplimenta x-xoghol tal-perit.

7.2. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li ghal dan ix-xoghol kien hemm diga l-perit kif ukoll is-segretarju u l-kunsilliera stess setaw jiccekjaw il-hidma tal-kuntratturi. Is-Sindku wiegeb li l-perit kien jaghmel xoghol differenti ta' preparazzjoni ta' pjanti, certifikazzjoni u testing tax-xoghol li jsir. Is-Sindku kompla jghid li l-iktar rwol importanti tal-project manager se jkun dak li jara li l-progett jitlesta fiz-zmien stipulat.

7.3. Il-Kunsillier George Cortis wiegeb li huwa xorta wahda ma kienx jaqbel mal-bzonn ta' Project Manager u gie nfurmat li fil-laqgha ta' qabel kien hemm kunsilliera ohra li urew it-thassib taghhom.

7.4. Il-Kunsillier Philip Said ikkummenta li fil-jiem ta' qabel kellu cans izur l-iskola l-gdida taz-Zokrija fil-Mosta u kien induna bl-importanza ta' project manager fi progetti kbar.

7.5. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li ghall-bidu anke hu kien xettiku dwar il-bzonn ta' project manager izda meta wiehed jara l-memo tad-dipartiment wiehed jara klawzula importanti fejn ix-xoghol irid ikun lest fi zmien sena, allura l-project manager irid ikun ziemel li jara li x-xoghol jitwassal. Il-Kunsillier George Cortis qal li dan id-diskors ma jnaqqas xejn mill-punt li dan ix-xoghol jista jsir mill-perit.

7.6. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li jista jkun il-kaz li jkun hemm zewg kuntratturi differenti jahdmu fl-istess hin u jkun hemm bzonn ta' ko-ordinazzjoni bejn it-tnejn.

7.7. Il-Kunsillier George Cortis talab li tigi sospiza l-laqgha sabiex jikkonsulta flimkien mal-kunsillier Philip Said. Il-laqgha giet sospiza fis-7.40pm.

7.8. Il-laqgha tkompliet fis-7.45pm.

7.9. Il-Kunsillier George Cortis talab li vot dwar dan is-suggett jittiehed f' laqgha ohra, inkella hu u l-kunsillier Said jitilqu l-barra mil-laqgha li jkollha tigi sospiza peress li ma jkunx hemm quorum. Is-Sindku Alfred Grixti laqa' t-talba tal-kunsillier George Cortis.

## 8. DAWL TAL-PJAZZA

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li wara r-restawr tal-faccata tal-knisja l-arcipriet deherlu li jixghelx iktar il-globi l-kbar peress li dawn ma jaqblux mad-dawl il-gdid. B' rizultat ta' dan il-pjazza tidher ferm mudlama u diversi persuni ghaddewlu kummenti f' dan is-sens. Fid-dawl ta' dan huwa ftakar fis-suggeriment tal-kunsillier George Cortis li fi sqaqien antiki jinbidlu l-bozoz u jsiru fanali dekorattivi. Ghalhekk kien qieghed jissugerixxi li jinhareg tender saiex isiru fanali dekorattivi f' Misrah San Filep imbaghad il-Kunsill jimxi skond il-prezzijiet li jircievi. Is-Sindku ressaq dan is-suggeriment ghal-vot. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Rosario Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (60).

## 9. TRAFFIC MANAGEMENT

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kellmu l-Ispettur dwar problema ta' kongestjoni tat-traffiku li tinholoq quddiem l-ghassa minhabba d-djuqija tat-triq. Is-Sindku spjega li fid-dawl ta' dan l-ispettur kien qieghed jissuggerixxi li din it-triq tigi one way. Apparti hekk is-Sindku spjega li kien talba ghal one way ukoll fi triq Dun Karm Psaila.

9.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li hdejn l-ghassa huwa jaqbel li l-affarijiet jibqaw kif inhuma u l-kongestjoni msemmija tista tigi evitata facilment jekk il-pulizija jinfurzaw is-sistema ta' yellow lines ezistenti fiz-zona u mhux ihallu lil kulhadd jipparkja fejn irid.

9.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li uhud mill-kunsilliera jistghu jiltaqghu fuq il-post u jaraw x' jista jsir. Il-Kunsillier Cortis issuggerixxa li jsiru traffic lights hdejn katambu u l-ghassa sabiex jigi kontrollat il-flow tat-traffiku.

9.4. Wara diskussjoni kien hemm qbil li hdejn l-ghassa l-affarijiet jithallew kif inhuma filwaqt li jintalab rapport lill-perit dwar proposta ghal one way fi triq Dun Karm Psaila sabiex tigi prezentata lil Transport Malta. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-procedura biex triq issir one way tirrikjedi li l-kunsill jikkonsulta mal-pulizija, r-residenti u l-istabilimenti kummercjali tat-triq imsemmija.

9.5. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li wahda mill-ikbar problemi fil-pjazza kien in-nuqqas ta' parkegg ghal min irid jaghmel xi qadja. Huwa spjega li kien hemm diversi persuni li jaqbdu u jipparkjaw il-vettura taghhom ghal hinijiet twal waqt li huma jkunu f' xi kazin jiehdu l-kafe. Ghalhekk huwa kien qieghed jissuggerixxi li Misrah San Filep minn fejn il-kazin tal-Partit Nazzjonalista sa hdejn id-dar tat-tabib Vella jsir timed parking bejn is-7am u t-3pm mit-Tnejn sas-Sibt, fejn il-karozzi jithallew jipparkjaw ghal mhux iktar minn siegha.

9.6. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li huwa ma kienx jaqbel ma din il-proposta u jemmen li hafna nies ha jintlaqtu hazin specjalment tal-hwienet. Il-Kunsillier Duncan Bartolo wiegeb li fl-opinjoni tieghu l-hwienet kienu ha jmorru ahjar ghax jizdied il-volum ta' karozzi li jipparkjaw fil-pjazza.

9.7. Il-Kunsillier Bartolo ressaq suggeriment biex minflok f' Misrah San Filep il-Kunsill jaghmel il-bicca bejn il-Kazin San Filep u l-labombe, timed parking.

9.8. Il-Kunsillier George Cortis issuggerixxa li l-Kunsill jaghmilha bi prova ghal hmistax u bla multi filwaqt li l-pjazza kollha tigi bit-timed parking. Is-Sindku spjega li jekk issir il-pjazza kollha, ir-residenti jkunu qed jintlaqtu hazin.

9.9. Is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex Misrah San Filep minn fejn il-kazin tal-Partit Nazzjonalista sa hdejn id-dar tat-tabib Vella jsir timed parking bejn is-7am u t-3pm mit-Tnejn sas-Sibt, fejn il-karozzi jithallew jipparkjaw ghal mhux iktar minn siegha. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** George Cortis

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (61).

9.10. Il-Kunsillier Rosario Cortis ressaq proposta biex il-Kunsill izid kemm jiflah il-parking spaces madwar Haz-Zebbug u jimmarkahom permezz ta' parking bays sabiex is-sewwieqa jkunu jafu fejn jistaw jipparkjaw jew le. Is-Sindku wiegeb li huwa kien jaqbel ma' din il-proposta, anzi kien qieghed jissuggerixxi li jibdew mit-triq tieghu.

## 10. TIFKIRA DUN KARM PSAILA (FINALIZZAZJONI TAL-PROGRAMM)

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fuq dan is-suggett kienet saret laqgha wahda u ntqalu hafna affarijiet imma ghad ma kienx hemm program definit u anke l-finanzjament tal-attivitajiet xejn ma kien car. Is-Sindku spjega li l-kunsill applika ghal fondi taht l-iskema ta' attivitajiet kulturali mniehdi mid-dipartiment. Huwa spjega li l-Kunsill applika ghal €25,000 li jintefqu fuq sejre ta' tahdidiet, akkademja muziko-letterarja, pubblikazzjoni dwar Dun Karm, u r-restawr tal-bust ta' Dun Karm.

10.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li peress li Dun Karm Psaila huwa Zebbugi jifhem ir-responsabilta li ghandu l-Kunsill li jfakkar dan l-anniversarju izda Dun Karm huwa wkoll il-poeta nazzjonali, u ghalhekk jiehu gost jekk il-piz finanzjarju ta' dawn l-attivitajiet jintrefa minn kulhadd u mhux biss mill-Kunsill. Ghal dan il-ghan gie suggerit li jsiru kuntatti ma Nazzju Abela tal-kumitat Festi Nazzjonali li huwa Zebbugi.

10.3. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li l-attivitajiet mressqa mis-Sindku jitressqu lill-kumitat u dan jahdem fuqhom.

## 11. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA IMPORTANTI

11.1. Il-Kunsillier Rosario Cortis informa lill-Kunsill li fil-laqgha li jmiss kien se jressaq mozzjoni dwar il-procedura ta' gheluq ta' toroq meta jsiru xoghlijiet fit-toroq. Il-Kunsillier Rosario Cortis spjega li skond l-avviz legali 119, l-gheluq ta' triq isir skond id-diskrezzjoni tal-Kunsill u ghalhekk ma kienx jara l-bzonn li jinkera warden meta tinghalaq it-triq, meta l-kunsill jista jipprovdi sinjali tat-traffiku li jindikaw kwalunkwe gheluq jew devjazzjoni.

11.2. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf f' xiex waslu l-affarijiet fuq il-bus shelter tal-pjazza. Is-Segretarju wiegeb li kien hemm decizjoni ta' Kunsill li sakemm ma jigi evalwat kif se jintlaqat Haz-Zebbug bir-riforma tat-trasport pubbliku ma jsir xejn ghax jista jaghti l-kaz li ma jibqax bzonnu dan il-bus shelter.

11.3. Il-Kunsillier George Cortis fakkar lill-Kunsill fix-xoghol ta' bankina li kellu jsir fi Triq M.A. Sapiano kantuniera ma' triq 12 ta' Mejju. Is-Segretarju wiegeb li dan ix-xoghol kien se jsir fil-gimghat ta' wara.

11.4. Il-Kunsillier George Cortis talab iktar informazzjoni dwar un/loading bay li saret quddiem l-Invell Ironmongery fi triq M.A. Sapiano. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar spjega li dan kien kaz antik fejn is-sid tal-Invell kien applika mal-Kunsill ghal un/loading bay u fl-ewwel okkazjoni l-ADT irrifjutat il-permess izda wara li dan applika privatament il-permess inhariglu. Il-Vici Sindku spjega li l-problema kien li s-sid tal-Invell ma kien ihalli lil hadd juza din l-un/loading bay ghalkemm hija wahda komunali bejn il-hwienet taz-

zona. Il-Vici Sindku spjega li fil-jiem ta' qabel kien inqala xi argument u wiehed mill-partijiet kellu jigbor kopja tal-permess tal-un/loading bay izda dan kienu ghadu ma giex.

11.5. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf f' liema stadju waslu l-preparamenti ghal-korsijiet tal-genituri bi tfal b' diffikultajiet fit-tghallim. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar wiegeb li l-kunsill kien informa lis-sinjura Hili bid-decizjoni li jiffinanzja l-korsijiet wara li jigu prezentati l-kwalifici tal-learning support assistants u c-child minders izda l-Kunsill kien ghadu ma riceva xejn minghand is-sinjura Hili. Is-Sindku kkonferma li hu kien ghadda kopja tal-minuti ta' dak li gie diskuss lis-sinjura Hili.

11.6. Il-Kunsillier Philip Said fakkar lill-Kunsill dwar il-proposta ta' attivita flimkien mal-ministeru tas-sahha u Dr. Peter Micallef b' risq il-promozzjoni tas-sahha. Il-Kunsillier Said kien qieghed jissuggerixxi li l-attivita ssir ghal zmien Jum Haz-Zebbug. Kien hemm qbil li sal-laqgha li jmiss tal-Kunsill kulhadd jigi bi proposti ghal Jum Haz-Zebbug li kien se jigi organizzat fit-23 u l-24 ta' Ottubru.

## 12. AGGORNAMENT

12.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Hamis 7 ta' Ottubru fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.15pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv